# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 1**

**Rikors numru 30/19 RGM**

**Carmen Grixti**

**v.**

**Ivan Grixti**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmen Grixti tat-18 ta' Frar 2020 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok twiegeb ghall-kwistjoni riferita lilha mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) billi ssib li ntwera li hemm ksur tad-dritt fundamentali tal-attrici ghal smiegh xieraq skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-

Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali bil-fatt illi l-avukat difensur tal-konvenut f'dik il-kawza hija wkoll Assistent Gudizzjarju assenjata mal-Qorti li qieghda tisma' l-kawza ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u konsegwentement tordna r-rikuza tal-Imhallef sedenti fil-kawza, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut jew l-Avukat Generali jew min minnhom.

2. Rat ir-risposta tal-appell tal-Avukat tal-Istat tas-26 ta' Frar 2020 permezz ta' liema ssottometta illi l-appell odjern ghandu jigi respint u michud, u t-twegiba ghar-referenza kostituzzjonali kif moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) tas-6 ta' Frar 2020 tigi kkonfermata, bl-ispejjez jithallsu kollha mill-appellanta.

3. Rat ir-risposta tal-appell ta' Dr. Ivan Grixti tat-13 ta' Marzu 2020 permezz ta' liema talab illi dan l-appell jigi michud u s-sentenza appellata tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanta.

4. Rat l-atti kollha tal-kawza;

5. Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet;

6. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tas-6 ta' Frar 2020 li taqra hekk:

**"L-irwol tal-Assistent Ġudizzjarju**

"Fl-ewwel lok għandu jingħad li Assistent Ġudizzjarju kemm jekk huwa full-timer jew part-timer huwa maħtur mill-President ta' Malta u dan wara li ssir għażla minn bord magħmul minn Imħallfin u membru wieħed maħtur mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Dawn l-assistenti ġudizzjarji jiġu assenjati mill-Prim'Imħallef "f'qorti u għandhom jaġixxu taħt id-direzzjoni u l-kontroll tal-qorti li quddiemha jkun hemm ilkaż pendenti, u għandu, b'żieda ma' kull setgħa li jistgħu leġittimament jingħataw minn dik il-qorti, jkollhom is-setgħa li jordnaw l-attendenza ta' kull persuna sabiex tixhed jew tagħmel affidavit jew dikjarazzjoni, jew iġġib dokumenti, f'dak il-post u ħin li jistgħu jiġu speċifikati fl-ordni." Dawn m'humiex l-unika funzjonijiet li għandhom l-assistenti ġudizzjarji u dan jingħad għaliex it-tielet sub-artikolu talArtikolu 97A jelenka lista mhux eżawrenti ta' funzjonijiet li għandu l-assistent ġudizzjarju:

"(a) li jassistu fil-proċess ġudizzjarju u fuq talba tal-qorti li jipparteċipaw filproċedimenti li jkunu pendenti quddiem qorti, magħdud kull xogħol ta' riċerka jew xogħol ieħor meħtieġ għal daqshekk, u sabiex iwettqu dawk id-dmirijiet u jħaddmu dawk is-setgħat li huma jistgħu jkunu meħtieġa jew awtorizzati li jwettqu minn dik il-qorti;

"(b) li jagħtu ġuramenti;

"(ċ) li jieħdu x-xiehda ta' kull persuna li tinġieb b'xhud waqt kull proċediment;

"(d) li jieħdu kull affidavit fuq kull ħaġa, inkluża ħaġa li jkollha x'taqsam ma' kull proċedimenti li jkunu ttieħdu jew li jkun hemm il-ħsieb li jittieħdu quddiem xi qorti jew quddiem qorti jew tribunal ta' kompetenza ċivili mwaqqfa b'liġi

"(e) li jirċievu dokumenti prodotti ma' kull xiehda, affidavit jew dikjarazzjoni, inklużi b'mod partikolari xiehda, affidavit jew dikjarazzjoni kif imsemmija f'dan il-Kodiċi;

"(f) li jkollhom dawk is-seduti kif jiġi deċiż mill-qorti, biex jiltaqgħu mal-avukati u lprokuraturi legali tal-partijiet biex tiġi ppjanata t-tmexxija tal-kawża, u jistabilixxu dati għas-sottomissjoni ta' xiehda, talbiet jew atti ġudizzjarji oħra mill-partijiet."

"Fl-affidavit tagħha Dr. Abigail Critien iddikjarat li xogħolha "bħala Assistent Ġudizzjarju hu s-segwenti

"(a) Wara li ningħata l-inkarigu dwar xi kawża partikolari, niffissa d-dati u l-ħinijiet għas-seduti;

"(b) Niffirma t-taħrikiet relattivi;

"(c) Nisma' x-xhieda li jitressqu quddiemi waqt tali seduti;

"(d) Ngħaddi t-traskrizzjoni ta' tali seduta lir-reġistru sabiex din tgħaddi għat-typing u sussegwentement jiġu mpoġġija fil-proċess;

"(e) Jekk jinqalgħu xi problemi partikolari f'xi kawża, nagħmel nota fejn ninforma lill-Onorabbli Imħallef b'dak li jkun qed jiġri jew ninfurmaha waqt is-seduta relattiva meta tinstema' tali l-kawża;

"(f) Fl-aħħar tax-xahar, bħal kull assistent ġudizzjarju ieħor / oħra nibgħat ir-rapport tax-xogħol li nkun għamilt u tas-seduti li nkun żammejt lill-amministrazzjoni li ta' kull xahar tibgħat għal tali rapport – liema rapport jintbagħat għand lImħallef."

"Iddikjarat ukoll li hija qatt ma aġixxiet ta' assistent ġudizzjarju fi proċeduri li hija jew xi avukat mill-uffiċċju fejn taħdem hi kienu jippatroċinaw lil xi parti. Tinsisti li hija qatt ma ddiskutiet xi każ pendenti tagħha jew ta' xi avukat li jaħdem fl-uffiċċju magħha mal-Imħallef Abigail Lofaro.

**"Rikuża ta' Imħallef**

"L-Artikolu 734 tal-Kapitolu 12 jipprovdi lista ta' istanzi meta l-Imħallef jista' jiġi rikużat jew jista' minn rajh jastjeni milli jisma' kawża. Is-segwenti huma l-istanzi hemm imsemmija:

"(a) jekk ikun qarib mid-demm jew bi żwieġ, f'linja dritta, ma' waħda millpartijiet;

"(b) jekk ikun qarib mid-demm fil-grad ta' ħu, ziju jew neputi, pro-ziju jew proneputi jew kuġin, ta' waħda mill-partijiet, jew qarib bi żwieġ fi grad ta' ħu, zijujew neputi, ta' waħda mill-partijiet;

"(ċ) jekk ikun tutur, kuratur, jew werriet preżuntiv ta' waħda mill-partijiet; jew ikun jew kien prokuratur ta'waħda mill-partijiet fil-kawża; jekk ikun l-amministratur ta' stabbiliment jew soċjetà fil-kawża, jew jekk waħda mill-partijiet tkun il-werrieta preżuntiva tiegħu;

"(d) (i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha,

"(ii) jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru: Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles ab observantia,

"(iii) jekk ikun ħareġ flus għall-kawża,

"(iv) jekk ikun xehed, jew jekk waħda mill-partijiet tkun bi ħsiebha ssejjaħlu bħala xhud;

"(e) jekk hu, jew il-mara tiegħu, jew ir-raġel tagħha, ikollhom interess dirett jew indirett dwar kif tinqata l-kawża; (f) jekk l-avukat jew prokuratur legali li jkun qed jidher quddiem imħallef ikun ibnu jew bintu stess, ir-raġel tagħha jew il-mara tiegħu jew axxendent tiegħu;

> “(g) jekk l-avukat jew prokuratur legali li jkun qed jidher quddiem imħallef ikun ħu jew oħt l-istess ġudikant;
>
> “(h) jekk l-imħallef jew ir-raġel tagħha jew il-mara tiegħu jkollhom kawża pendenti kontra xi waħda mill-partijiet fil-kawża jew ikun kreditur jew debitur ta’ xi parti fil-kawża b’mod li jista’ raġonevolment jagħti lok ta’ suspett ta’ interess dirett jew indirett li jista’ jinfluwenza l-eżitu tal-kawża.”

“Istanza oħra hija meta l-kawża tkun ġa ġiet quddiem l-Imħallef u hu jkun tkellem fuq l-istess merti ta’ dik il-kawża meta kien qed joqgħod bħala mħallef fil-Qorti ta’ ġurisdizzjoni volontarja.

“Nonostante li tinstab din il-lista u nonostante li l-Artikolu 7339 tal-Kapitolu 12 jagħti l-impressjoni li l-lista li tinstab fl-Artikolu 734 hija waħda eżawrijenti, kien hemm istanzi fejn il-ġudikanti ġew rikużati fuq raġunijiet oltre dawk imsemmija fil-liġi. Fost dawn l-istanzi insibu (a) Lawrence Grech et vs. L-Avukat Ġenerali et (Rik Kost 37/2015)10 fejn l-Imħallef li ġie assenjat il-kawża kien president ta’ għaqda li hija marbuta ma’ istituzzjoni reliġjuża meta l-kawża kienet kontra dik l-istituzzjoni reliġjuża; u (b) General Workers Union vs. L-Avukat Ġenerali et (Rik Kost 33/2017)11 fejn l-Imħallef li ġiet assenjata l-kawża għandha ħutha u qraba oħra jaħdmu fid-ditta legali li kienet qiegħda tirrappreżenta lil waħda mill-partijiet; għalkemm ħadd mill-qraba tal-Imħallef ma kien qed jidher f'dawk il-proċeduri.

“Fis-sentenza Sandro Chetcuti vs. Avukat Generali et (Rik Kost 8/2003) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta’ Lulju 2005 ġie dikjarat illi:-

> “Anke jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12 ma hemmx lok ghallrikuza - anzi jista’ jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista' tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta' lindividwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-ahhar ghandhom jipprevalu fuq iddisposizzjonijiet l-ohra tal-ligi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali Sant vs Kummissarju tal-Pulizija 2/4/90; Cachia vs Onor. Prim Ministru et 10/10/91; Bugeja et vs Onor. Prim Ministru noe et 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et 1/11/96). Kwindi anke jekk jista’ ma jkunx hemm lok ta’ rikuza a bazi tal-artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jfissirx b’daqshekk illi l-kwistjoni tinghalaq hawn ghax l-imparzjalita` ta’ gudikant hi wahda mis-salvagwardji tad-dritt ta’ smigh xieraq u kwindi jekk il-ligi generali ma tipprovdix rimedju fejn misthoqq, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Kap. 319 jistghu jigu invokati biex jekk hu misthoqq jinghata r-rimedju opportun.
>
> “[...] Indipendentement mill-fatt jekk ic-cirkostanzi kinux tali li kienu jintitolaw lillparti li titlob ir-rikuza tal-gudikant skond il-ligijiet ta’ procedura. Il-parametri ta’ dawk il-ligijiet ghandhom jitqiesu li twessghu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxu s-smiegh xieraq. Irid ghalhekk jigu interpretati fl-ispirtu taghhom u fil-dawl tal-principji enuncjati fil-gurisprudenza tal-Qorti u tal-

Kummissjoni Ewropeja.” (Dr. A. Mifsud vs On. Prim Ministru et fil-17 ta’ Lulju 1996 (Kost).”

“Din il-Qorti taqbel u tagħraf li r-raġunijiet li għalihom ġudikant jista’ jiġi rikużat milli jkompli jisma’ kawża m'humiex biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi u, f’każijiet eċċezzjonali, jista’ ikun hemm raġunijiet oħrajn serji li jsarfu bħala xierqa għal tali astensjoni jew rikuża. L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b’mod partikolari f’dak li jirrigwarda l-jedd ta’ smigħ xieraq b’mod imparzjali u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. In oltre l-aforisma “justice must not only be done but must be seen to be done” trid tiġi valutata fl-isfond tal-każ partikolari.

**“Allegat leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

**“It-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li “Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b’liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew lestensjoni ta’ drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; [...]”. Artikolu 6 (2) Konvenzjonali ukoll jipprovdi li t-Tribunal għandu jkun imparzjali u indipendenti: “id-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta’ xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’liġi.”

“Illi fil-kliem l-awturi **Harris, O’Boyle & Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights**, “Impartiality” means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test: The existence of impartiality for the purpose of Article 6 (1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect”.

“Fil-pubblikazzjoni **Human Rights in the Administration of Justice: A Manual on Human Rights for Judges, Prosecutors and Lawyers** (pubblikazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti) insibu illi ‘As to the requirement of impartiality in article 6 (1) of the European Convention on Human Rights, the European Court of Human Rights has consistently ruled that it has two requirements, namely, one subjective and one objective requirement. In the first place, “the tribunal must be subjectively impartial”, in that “no member of the tribunal should hold any personal prejudice or bias”, and this personal “impartiality is presumed unless there is evidence to the contrary”. Secondly, “the tribunal must also be impartial from an objective viewpoint”, in that “it must offer guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect”.

"Fis-sentenza fl-ismijiet Nadine Bonnici vs. Avukat Generali et (Rik Kost 67/2012AE) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fl-4 ta' Marzu 2013 (mhux appellata) ġie osservat illi:

> "L-imparzjalita' ta' qorti skond l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, normalment tfisser nuqqas ta' pregudizzju jew bias; "There are two tests for assessing whether a tribunal is impartial: the first consists in seeking to determine a particular judge's personal conviction or interest in a given case and the second is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect...... As to the second test, when applied to a body sitting as a bench, it means determining whether, quite apart from the personal conduct of any of the members of that body, there are ascertainable facts which may raise doubts as to its impartiality. In this respect even appearances may be of some importance. It follows that when it is being decided whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular body lacks impartiality, the standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held to be objectively justified." (**Lindon Otchakovskylaurens and July v France** deciza fit-22 ta' Ottubru 2007 mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Umani).
>
> "Ghal dak li jikkoncerna t-test soggettiv, f'dan il-kaz ma saret l-ebda allegazzjoni li fil-kawza 961/2011 "...... the personal conviction of a judge ..... raises doubts about his or her independence or impartiality. The judge's lack of bias is presumed unless there is evidence to the contrary.........".

"L-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża huwa imparzjali u li huwa d-dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.

"F'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' leċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli

"L-aġġudikant bil-ġurament tal-ħatra tiegħu jiggarantixxi l-imparzjalità u lindipendenza li jsawru id-dritt għas-smigħ xieraq u għalhekk jeżistu dawk issalvagwardji meħtieġa fil-mod kif ikun appuntat l-aġġudikant u fil-mod ta' kif għandu jmexxi l-proċeduri.

**“Imparzjalità soġġettiva u oġġettiva**

“Ir-rikorrenti Grixti fil-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni talFamilja) m’hijiex qed tallega li hemm parzjalità soġġettiva da parti tal-ġudikant. Difatti fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha tissottometti li “ma hemm ebda dubju dwar l-imparzjalità soġġettiva tal-ġudikant u l-esponenti b’ebda mod ma trid timplika li hemm nuqqas ta’ imparzjalità soġġettiva”. Għaldaqstant din il-Qorti ma tarax il-ħtieġa li tittratta dan il-punt ulterjorment.

“Tgħaddi għalhekk sabiex tikkunsidra l-imparzjalità oġġettiva. Dwar dan il-punt irrikorrenti Grixti tgħid li “l-fatt illi l-Avukat tal-konvenut hija membru tal-judiciary team tal-ġudikant toħloq perċezzjoni ta’ nuqqas ta’ imparzjalità oġġettiva għax dik lAvukat, appuntu għax membru tal-judiciary team tal-Imħallef, għandha aċċess għallImħallef li huwa aċċess privileġġjat għax Avukati oħra, fosthom l-Avukat tal-attriċi, ma għandhomx dak l-aċċess.”

“Mil-lenti ta’ imparzjalità oġġettiva, il-ġurisprudenza tgħallimna li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta’ ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B’mod partikolari ingħad li “il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f’kawża ‘tħoss’ jew ‘jidhrilha’ li ġudikant jista’ jkun parzjali, allura dak ilġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta’ dik il-kawża”. Dan ifisser li sempliċiment dubju m’huwiex grad għoli biżżejjed li jwassal għal rikuża.

“Dr. Abigail Critien xhedet illi l-irwol prinċipali tagħha bħala assistent ġudizzjarju huwa li tisma’ x-xhieda u li tgħaddi it-testimonjanza reġistrata bl-idejn fir-reġistru sabiex tiġi traskritta (ittajpjata) u eventwalment inserita fil-proċess. Dr Critien, bħala assistent ġudizzjarju part-time assenjata mal-Imħallef Abigail Lofaro ma tiġiex hekk appuntata f'kull kawża li fiha tkun qed tippresjedi l-Imħallef Lofaro. In-nomina ta' assistent ġudizzjarju issir b'digriet relattiv għal kawża partikolari fejn il-Qorti tqis xieraq li tagħmel tali nomina prinċipalment sabiex jitħaffef il-ġbir tal-provi f'dik ilkawża partikolari. La jirriżulta u lanqas ġie allegat illi Dr Critien ingħatat tali rwol fil-kawża pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li minnha skattat ir-referenza kostituzzjonali in diżamina. Għall-kuntrarju jirriżulta illi l-Qorti tal-Familja f'dik il-kawża innominat bħala assistent ġudizzjarju lil ħaddieħor u cioe' lil Dr Maria Dolores Gauci. La ġie allegat u wisq anqas tresqet xi prova li Dr Critien intalbet mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) taqdi xi wieħed mid-doveri ta' assistent ġudizzjarju fil-kawża de quo fejn Dr Critien qed tippatroċinja waħda mill-partijiet.

“Għall-kompletezza jingħad ukoll illi llum il-ġurnata hemm assenjati mal-imħallfin numru ta' ġuristi (court attorneys) li xogħolhom huwa li jassistu lill-ġudikant firriċerka u fl-abbozzar tas-sentenzi. A differenza ta' ħafna mill-assistenti ġudizzjarji, il-ġuristi huma ingaġġati full time u huma pprojbiti milli jagħmlu xogħol privat u dan sabiex jiġi mħares il-prinċipju ta’ indipendenza u imparzjalità tal-Qorti.

"Fid-deċiżjoni tal-Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet David Aquiliana vs. L-Onor. Prim Minsitru et (Rik Nru 42/2006 JRM) 16 deċiża fil-31 ta' Mejju 2007 ġie ritenut illi :-

> "Minħabba li teżisti l-presunzjoni li ġudikant huwa imparzjali sakemm ma jintweriex mod ieħor, min jallega l-parzjalita' ta' ġudikant irid jipprova tali parzjalita' fil-fatt u mhux biss iqanqal dubju leġittimu b'inferenza jew sempliċi biżgħa;
>
> "Illi dwar dan ikollu jingħad li m'huwiex biżżejjed li dan il-kriterju ta' imparzjalita' jissemma bħala sempliċi suspett: jeħtieġ li jkun ippruvat kif imiss. Kulħadd jista' jidħollu suspett li l-ġudikant li jkun ta sentenza li l-eżitu tagħha ma jintgħoġobx minn xi parti, sata' ma kienx imparzjali. Imma dan m'huwiex biżżejjed biex iwassal għas-sejbien ta' ċirkostanza ta' imparzjalita' jew ta' smigħ xieraq."

"In oltre l-**Artikolu 8 tal-Kapitolu 12** jipprovdi li "l-imħallfin ma jistgħux, ħlief fil-qorti bil-miftuħ, direttament jew indirettament, jikkumnikaw mal-partijiet f'kawża li tkun quddiem waħda mill-qrati, jew mal-avukati, prokuraturi legali, jew ma' ħaddieħor fl-isem tal-partijiet, dwar kawża li f'dak iż-żmien tkun għad ma nqatgħatx, jew li tkun sejra tinbeda jew tissokta." Meta l-Imħallef ħadet il-ġurament tal-inkarigu ta' ġudikant hija ħalfet li l-inkarigu lilha mogħti sejra tagħmlu "bis-sewwa d-dmirijiet ta'mħallef bla favuri u mingħajr ma nżomm ma ħadd, kif irid il-ħaqq u l-jedd, u kif iridu l-liġijiet u d-drawwiet ta' Malta, għall-gieh t'Alla u tar-Repubblika ta' Malta, u li ma nikkomunika, direttament jew indirettament, ma' ebda waħda mill-partijiet f 'kawża f 'waħda jew oħra mill-qrati superjuri jew inferjuri, lanqas ma' l-avukati jew prokuraturi legali tagħhom, lanqas ma' ħaddieħor, fl-isem ta'waħda jew oħra millpartijiet, dwar kawża li tkun għad ma nqatgħatx, jew li tkun sejra tibda jew tissokta f'waħda mill-qrati hawn fuq imsemmija, barra minn fil-qorti bil-miftuħ [...]".

"Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Goldvest Company Limited vs. Attorney General** (Rik Nru 637/1998 GCD) fit-30 ta' Mejju 2001 ikkonfermat dak li ġie kkunsidrat mill-Ewwel Qorti fejn fiha kien ġie ssolevat il-punt li c-chairman tat-Tribunal Industrijali 'kien ghamel zmien imsieheb fil-General Workers Union':

> "Il-fatt li c-chairman ta' tribunal kien membru ta' organizzazzjoni li taghha darba kien konsulent legali l-avukat ta' parti fi proceduri quddiem it-tribunal ma jfissirx li bejn ic-chairman u l-avukat hemm rabta li tohloq dubju ragjonevoli fuq limparzjalità tac-chairman. Ikun hemm dak id-dubju li kieku c-chairman kien, fiz-zmien meta qed jisma' l-kaz, f'pozizzjoni subordinata ghal wahda mill-partijiet fl-organizzazzjoni li fiha hu u dik il-parti jkunu msiehba, b'mod li l-karriera tacchairman bhala msieheb f'dik l-organizzazzjoni tista' tiddependi fuq ir-rieda jew fuq is-setgha tal-parti.

> "Dan ma hux il-kaz fil-kawza tallum; ic-chairman ma hux f'pozizzjoni ta' subordinazzjoni la ghall-intimat Saliba u lanqas ghall-avukat tieghu: ma hemm ebda relazzjoni gerarkika bejniethom."

"Għalkemm mhix identika, xebh jista' jsir ukoll mas-sentenza fuq ċitata tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **David Aquilina vs. L-Onor. Prim Ministru et** (Rik Kost 42/2006) deċiża fil-25 t'April 2008 fejn il-lanjanza kostituzzjonali kienet tirrigwarda il-ġudikatur tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Zgħar li jkun ukoll avukat prattikanti. L-ilment kien dwar is-sitwazzjoni maħluqa bit-twaqqf tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar fejn avukat appuntat bħala ġudikatur fit-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar kien qed jiddeċiedi każijiet bejn partijiet assistiti minn avukati, liema avukati imbgħad jidhru bħala avukati f'kawżi fejn l-istess ġudikatur, issa bħala avukat difensur, ikun l-avversarju tagħhom. Kellha dan xi tgħid il-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward;-

> "Is-semplici fatt li gudikatur fit-Tribunal ikollu quddiemu bhala avukat persuna li f'xi okkazjoni precedenti kien qed jikkontesta maghha f'qorti ohra ma jistax ragjonevolment jaghti lok ghal suspett li dak il-gudikatur ser ikun parzjali billi jxaqleb kontra t-tezi tal-parti patrocinata minn dak l-avukat. Kieku kien mod iehor, il-konvivenza civili, fl-ambitu tal-funzjonament tas-sistema gudizzjarja, ssir impossibbli ghax jekk l-argument jittiehed ghall-konkluzjoni logika tieghu, anke imhallef jew magistrat jispicca ma jkunx oggettivament imparzjali ghas-semplici fatt li meta kien avukat kellu hafna kawzi li kkontesta fil-konfront ta' dan jew dak l-avukat."

"Ikkunsidrat;

"Il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem diġà kellha l-opportunità tikkunsidra luffiċju tal-assistent ġudizzjarju fis-sistema ġuridiku nostran b'rabta ma' każ fejn ġie allegat l-imparzjalita' tal-Qorti Kostituzzjonali. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti fi Strasburgu fl-ismijiet **Bellizzi v. Malta** (Appl Nru 46575/2009) fil-21 ta' Ġunju 2011 wieħed mill-punti trattati u deċiżi jirrigwarda l-fatt li l-avukat difensur ta' wieħed millpartijiet kienet ukoll assistent ġudizzjarju assenjata mal-Prim' Imħallef li kien qed jippresjedi l-Qorti Kostituzzjonali li quddiemu ġie l-appell. Il-fatti rilevanti għall-kawża odjerna huma illi wara li appell ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali l-parti sokkombenti ilmentat illi l-assistent ġudizzjaru tal-Prim' Imħallef li ppresjeda dak lappell kienet irrappreżentat waħda mill-partijiet fi stadju inizjali tal-proċeduri quddiem il-prim istanza. Allegat ukoll illi l-istess assistent ġudizzarju kienet assistit lill-Qorti Kostituzzjonali fl-abbozzar tas-sentenza mogħtija fl-istadju tal-appell. Irriżulta minn ittra mibgħuta mill-Prim' Imħallef ta' dak iż-żmien lill-Qorti ta' Strasburgu illi lassistent ġudizzjarju in kwistjoni bl-ebda mod ma assitit lill-Qorti Kostituzzjonali flabbozzar tas-sentenza. Wara li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem eżaminat il-fatti rilevanti waslet għall-konklużżjoni illi l-imparzjalità oġġettiva tal-Prim Imħallef ma ġietx mittiefsa u konsegwentement instab li ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Tenut kont ir-rilevanza notevoli talkonsiderazzjonijiet tal-Qorti Ewropea għall-mertu tar-referenza

kostituzzjonali li għandha quddiemha din il-Qorti, sejra tiċċita estensivament il-konsiderazzjonijiet ta' dik il-Qorti fir-rigward:-

> "53. As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see Wettstein, cited above, § 44; and Ferrantelli and Santangelo v. Italy, § 58, 7 August 1996, Reports 1996-III).
>
> "54. In itself, the objective test is functional in nature: for instance, the exercise of different functions within the judicial process by the same person (see Piersack v. Belgium, 1 October 1982, Series A no. 53, pp. 14-15), or hierarchical or other links with another actor in the proceedings (see cases regarding the dual role of a judge, for example, Wettstein, cited above, § 47, and Mežnarić v. Croatia, no. 71615/01, 15 July 2005, representing the applicant's opponents and subsequently judging in a single set of proceedings and overlapping proceedings respectively), give rise to objectively justified misgivings as to the impartiality of the tribunal, which thus fail to meet the Convention standard under the objective test (see Kyprianou v. Cyprus [GC], no. 73797/01, § 121, ECHR 2005-XIII). It must therefore be decided in each individual case whether the connection in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, § 38). The time-frame is relevant when assessing the significance of a judge's previous relationship to an opposing party (see Walston v. Norway (dec.), no. 37372/97, 11 December 2001).
>
> "[...]
>
> "59. The Court observes that in the Maltese system, the Legal Secretary of the Chief Justice is an appointed judicial assistant. In consequence it is the judicial assistants' role that needs to be examined. The Court notes that functions of judicial assistants include, inter alia, assistance in the judicial process and, at the request of the court, participation in the proceedings, taking witness testimony and affidavits on matters connected with proceedings, receiving documents produced with any testimony, and holding sittings as may be directed by the court, together with issuing deadlines for the submission of evidence, pleadings or other judicial acts by the parties. As stated in the Government's submissions, judicial assistants may also draw up opinions in respect of the cases put to the court. In this light, the Court considers that the tasks entrusted to a judicial assistant in the Maltese system may be of important significance to the judicial process, and consequently, an individual performing the abovementioned tasks must be impartial for the proceedings to be Article 6 compliant.
>
> "60. The Court notes that in the present case, as admitted by the Government, Dr M. actively represented the applicants' opponents at an earlier stage of the proceedings (see paragraph 49 above). It is true that her previous involvement was temporary as she represented the

> applicants' opponents for only a few months from October 2002 until an unspecified date in 2003 when she withdrew. This was almost six years before the decision of the Constitutional Court of 27 February 2009. However, the proceedings dealt with the same subject matter, inter alia, the compliance of the MMA's actions with the Constitution and the Convention, and the consequent effects on the applicants' rights (see, conversely, Puolitaival and Pirttiaho v. Finland, no. 54857/00, § 51, 23 November 2004). What remains to be ascertained is the actual participation of Dr M. in the constitutional proceedings.
>
> "61. The Court firstly notes that quite apart from her general role as judicial assistant to the Chief Justice the applicants have not provided any evidence which suggests that Dr M. had been entrusted with the case. Indeed, it transpires from the relevant Maltese law that a judicial assistant may be involved in any named case only at the court's request. It may therefore be the case that a judicial assistant has no involvement in a particular suit as was in fact declared by the Chief Justice in relation to the present case. The applicants expressed no doubt as to the veracity of that statement, at least in so far as it related to the lack of Dr. M's assistance to the Chief Justice. The Court further observes that the applicants' statement that they were not aware that Dr M. was the Chief Justice's judicial assistant, confirms that, in the impugned proceedings, Dr M. had not taken any witness testimony or affidavits, nor received documents produced with any testimony, or held sittings or issued deadlines for the submission of evidence, pleadings or other judicial acts by the parties. In this light, as the Court does not find it established that Dr M. participated as a judicial assistant in the impugned proceedings, it follows that there are no ascertainable facts capable of raising legitimate doubts as to the impartiality of the Constitutional Court in the present case.
>
> "62. In these circumstances, the Court finds that there has not been a violation of Article 6 § 1 of the Convention as regards the requirement of an impartial tribunal."

"Mill-provi mressqa jirriżulta mingħajr ombra ta' dubju illi l-assistent ġudizzjarju Dr Abigail Critien bl-ebda mod qua assistent ġudizzjarju ma tat l-assistenza tagħha lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Qorti Referenti, b'rabta mal-istess kawża fejn hi avukat difensur ta' waħda mill-partijiet.

"Konsiderazzjoni oħra li f'xi każijiet għamlet il-Qorti ta' Strasburgu tirreferi għaċ-ċokon tal-ġurisdizzjoni li minnha jkun tressaq il-każ b'ilmenti simili. Din il-Qorti għandha ċerti riżervi fir-rigward tal-posizzjoni li ħadet dik il-Qorti pero' ser tiċċita l-**każ Nicholas v. Ċipru** (Appl Nru 63246/10) deċiż fid-9 ta' Jannar 2018 u dan għall-finijiet tal-kompletezza tad-deliberazzjonijiet rilevanti:-

> "It cannot be overlooked that Cyprus is a small country, with smaller firms and a smaller number of judges than larger jurisdictions; therefore, this situation is likely to arise more often (see, mutandis mutandis, Biagioli v. San Marino (dec.), no. 8162/13, § 80, 8 July 2014, and Micallef, cited above, § 102; compare Ramljak, cited above, § 39). The

> Court has observed in its case-law that complaints alleging bias should not be capable of paralysing a defendant State's legal system and that in small jurisdictions, excessively strict standards in respect of such motions could unduly hamper the administration of justice (A.K. v. Liechtenstein, no. 38191/12, § 82, 9 July 2015"

"Għandu jiġi emfasizzat illi l-ebda parti f''kawża m'għandha tallega, mingħajr ġustifikazzjoni, li hemm leżjoni ta' smigħ xieraq b'tentativ sabiex il-każ jinstema minn ġudikant u mhux min ieħor. Fuq din it-tema kellha dan xi tgħid il-Qorti tal-Appell fi provvediment mogħti fis-17 ta' Awissu 2017 fl-appell **Sharon Rose Roche vs. Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Istandards fil-Ħarsien Soċjali et** (Rik Nru 35/16/1):

> "Illi l-Qorti tagħraf u ma twarrabx b'ħeffa l-element tal-imparzjalita' suġġettiva u dik oġġettiva tal-ġudikant li kull parti f'kawża jistħoqqilha b'jedd tippretendi li jkun jimmanifesta ruħu. Madankollu, dan il-jedd ma għandux jinbidel f'għodda li bih parti f'kawża toħloq biżgħa li ma jkunx fondat jew okkażjoni biex wieħed jidħol f'sajda għall-ġudikant li tibdel il-proċess ġudizzjarju f'konkors għall-għażla ta' ġudikant favorit fuq ieħor u li jwassal għal dak li bnadi oħrajn huwa magħruf bħala "forum shopping". Dan jaf jissarraf f'abbuż tal-proċess ġudizzjarju taħt ilkappa tal-biżgħa tan-nuqqas ta' smigħ xieraq."

"L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jagħtux id-dritt lill-parti li tagħżel il-ġudikant bħalma lanqas ma tagħtiha d-dritt li tbiddel ilġudikant meta ma hemmx raġuni valida għall-astensjoni jew rikuża.

"Din il-Qorti tikkonkludi dwar ir-referenza lilha magħmulha billi tiddikjara illi m'hemm l-ebda raġuni għar-rikuża jew astensjoni tal-Imħallef Abigail Lofaro mill-kawża fuq imsemmija pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)."

## Ikkonsidrat:

7. Illi dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) wara referenza maghmula lilha mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-mori ta' kawza ta' separazzjoni personali bejn il-konjugi Grixti, liema kawza hija presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Abigail Lofaro. Fil-kawza ta' separazzjoni personali l-konvenut Dr. Ivan Grixti huwa patrocinat mill-avukat Dr. Abigail Critien, li tahdem ukoll bhala

Assistant Gudizzjarju assenjata mal-Onor. Imhallef Dr. Abigail Lofaro. Minhabba f'hekk, l-appellanta Carmen Grixti talbet referenza kostituzzjonali lil Qorti wara illi lmentat illi l-fatt li l-avukat patrocinanti ta' zewgha taghmel ukoll xoghol ta' Assistent Gudizzjarju ghall-Onor. Imhallef Dr. Abigail Lofaro jammonta ghal ksur tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u ghaldaqstant talbet ir-rikuza tal-Imhallef sedenti.

8. Illi l-aggravju tal-appellanti jikkonsisti principalment f'ilment illi l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-principji relattivi ghall-imparzjalita` tal-qrati li saret mill-ewwel Qorti kienet zbaljata. Hija targumenta illi s-sentenza ta' **Bellizi v. Malta** li ghaliha ghamlet referenza estensiva l-ewwel Qorti ghandha fatti specie differenti minn dawk tal-kawza *de quo* peress illi f'dak il-kaz l-assistent gudizzjarju ma kinitx involuta fi proceduri gudizzjarji bhala avukat prattikanti waqt illi kellha wkoll ir-rwol ta' assistent gudizzjarju, filwaqt illi fil-proceduri in kwistjoni l-Avukat Dr. Abigail Critien qed tippatrocina lil konvenut filwaqt illi isservi wkoll bhala assistent gudizzjarju tal-Imhallef sedenti. Dan oltre illi din is-sentenza m'hijiex necessarjament applikabbli llum-il gurnata, ikkonsidrat illi nghatat kwazi ghaxar snin ilu. L-appellanti taghmel ukoll paragun bejn il-kariga ta' assistent gudizzjarju u dik ta' gurist (*court attorney*) u tissottometti illi galadarba gurist ma jistax jibqa' fil-prattika privata tieghu bhala avukat,

mela allura bl-istess mod lanqas assistent gudizzjarju ma jista' jibqa' jaghmel dan, peress illi z-zewg karigi jinvolvu assistenza lil gudikant. Hija targumenta wkoll illi jekk gudikant ghandu skont il-ligi jirrikuza ruhu fejn xi hadd mill-partijiet jew l-avukat patrocinanti taghhom ikun qarib tieghu, bl-istess mod allura ghandu jirrikuza ruhu fejn l-avukat ta' xi parti jkun ukoll iservi bhala assistent gudizzjarju tieghu. L-appellanti tissottometti illi mill-atti jirrizulta illi bejn l-Avukat Dr. Abigail Critien u l-Onor. Imhallef Dr. Abigail Lofaro hemm rabta reali u pruvata u dan isawwar dubbju rigward l-imparzjalita` oggettiva tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hekk kif presjeduta fil-kawza ta' separazzjoni personali pendenti bejn il-konjugi Grixti.

9. Illi minn naha tieghu l-Avukat tal-Istat jirribatti illi m'hemm l-ebda nuqqas ta' imparzjalita` f'kawza fejn l-assistent gudizzjarju tal-Imhallef sedenti jkun qieghed jidher bhala avukat quddiemha ghaliex ma hemmx raguni tajba u oggettiva a bazi ta' liema Imhallef ghandu javvantagja lil avukat minhabba l-funzjoni tieghu bhala assistent gudizzjarju. Huwa jargumenta illi l-assistent gudizzjarju m'huwiex imhallas mill-Imhallef, li ghandu biss rabta professjonali mal-assistent gudizzjarju u mhux wahda ta' hbiberija, apparti l-fatt illi ma jirrizultax li l-avukat Critien giet imqabbda bhala assistent gudizzjarju fil-proceduri ta' firda personali bejn il-konjugi Grixti. Isostni illi l-funzjonijiet tal-assistent gudizzjarju ftit jew xejn jitolbu li jkun hemm diskussjonijiet bejn l-Imhallef u l-assistent gudizzjarju, u li fi

kwalunwke kaz il-fatt li assistent gudizzjarju jista' potenzjalment ikollu cans ikellem lil Imhallef aktar minn avukati ohra ma hijiex raguni bizzejjed biex ixxellef l-imparzjalita` oggettiva tal-Imhallef, ghaliex m'hemmx bzonn li tkun assistent gudizzjarju sabiex tkellem lil Imhallef barra mill-awla tal-Qorti. Fir-rigward tal-argument tal-appellanti illi l-ewwel Qorti ma kellhiex izomm mas-sentenza ta' **Bellizzi v. Malta** ghaliex issa ghaddew kwazi ghaxar snin minn mindu nghatat, l-Avukat tal-Istat jirribatti illi ghalkemm huwa minnu li fil-qasam tal-jeddijiet fundamentali l-gurisprudenza m'ghandhiex tibqa' statika, il-moghdija taz-zmien ma tfissirx necessarjament illi s-sentenza m'hijiex tajba jew li ghandha tinghata anqas piz, u jzid illi l-gustizzja, il-koerenza u c-certezza legali jezigu li kwistjonijiet simili ghandhom kemm jista' jkun jigu trattati u decizi bl-istes mod. Jargumenta wkoll illi galadarba s-sentenzi tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) huma suggetti ghall-appell fuq punti ta' ligi u wkoll punti ta' fatt, dan l-appell jista' jissana difetti fl-indipendenza jew imparzjalita` tal-ewwel Qorti u ghalhekk iwaqqa' kull biza' jew thassib li jista' jkollha l-appellanta dwar l-Onor. Imhallef Lofaro.

10. Illi l-appellat Grixti minn naha tieghu jissottometti illi r-ragunijiet ghar-rikuza tal-gudikanti johorgu esklussivament mill-ligi u r-raguni li fuqha huwa bbazat il-mertu tal-appell odjern ma jinkwadrax ruhu f'xi wahda mir-ragunijiet elenkati fil-ligi. Huwa jsostni illi t-talba ghar-rikuza maghmula mill-appellanti hija biss tentattiv ta' *forum shopping* wara illi l-

Qorti kif preseduta cahdet rikors prezentat mill-appellanti. Jargumenta illi l-appellanti ma ressqet l-ebda prova sabiex tissostanzja l-argument taghha li d-difensur legali tieghu ghandha “access privileggat” ghal Imhallef, u jzid illi filfatt l-appellanti lanqas biss ghamlet kontro-ezami lil Avukat Critien wara l-affidavit ipprezentat minnha. Jargumenta illi x-xoghol ta’ assistent gudizzjarju li taghmel l-avukat difensur tieghu jinvolvi biss gbir ta’ provi u hija ma taghti l-ebda opinjoni jew tiddiskuti kawzi mal-Imhallef, u ghalhekk l-“access privileggat” imsemmi ma jezistix, u ta ezempji ta’ kawzi fejn il-patrocinat tal-Avukat Critien tilef il-kawza li kienet giet deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Abigail Lofaro. Fir-rigward tal-paragun maghmul mill-appellanti bejn l-assistenti gudizzjarji u l-guristi (*court attorneys)* iwiegeb illi r-rwoli ta’ dawn iz-zewg karigi huma kompletament differenti peress illi l-guristi huma nvoluti fil-kitba tas-sentenzi u ghalhekk ikun hemm diskussjoni u kollaborazzjoni mal-gudikant fuq l-ezitu tal-kaz li ma jkunx hemm fil-kaz tal-assistenti gudizzjarji.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti:**

11. Illi l-appellanti argumentat principalment illi sistema fejn avukat prattikanti jista’ jkun ukoll parti mit-tim gudizzjarju ta’ Imhallef, quddiem min jidher ukoll bhala avukat, hija inacettabli u minnha nnifisha leziva tad-dritt ghal smiegh xieraq. Illi pero` dan manifestament m’huwiex il-kaz

ghaliex kif intqal fis-sentenza **Steck-Risch and others v. Liechtenstein** (QEDB, 19/05/2005): "*Although appearances are of importance where a judge's objective impartiality is at stake (Pétur Thor Sigurđsson, cited above, § 37), the Court has to subject the specific circumstances of the case to careful scrutiny*." Illi inoltre l-Qorti taghraf illi skont l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sistema legali illi tabbracja l-kuncett ta' imhallfin *part-time* m'hijiex minnha nnifisha leziva tad-drittijiet fundamentali, ghaliex kull kaz irid dejjem jigi determinat skont il-fatti speci partikolari tieghu, u ghalhekk *multo magis* fil-kaz ta' membru tat-tim ta' Imhallef . Dan kif gie espressament ikkonfermat fis-sentenza **Wettstein v. Switzerland** (QEDB, 21/12/2000) fejn gie deciz illi "…*there is no reason to doubt that legislation and practice on the part-time judiciary in general can be framed so as to be compatible with Article 6. What is at stake is solely the manner in which the proceedings were conducted in the applicant's case.*"

12. Illi l-Qorti rat illi fil-kaz **Steck-Risch and others v. Liechtenstein,** citat supra, ma kienx instab ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni f'kaz fejn l-Imhallef sedenti G.W. kien kollega fl-ufficju legal tal-Imhallef H.H. li ddecieda s-sentenza li kienet qed tigi appellata. Dan kien wara li l-Qorti kkonsidrat illi n-natura tar-relazzjoni taghhom kienet fattur determinati, u l-Qorti kienet sabet illi r-relazzjoni ta' bejn dawn iz-zewg imhallfin/avukati ma kienet tinvolvi l-ebda dipendenza professjonali jew finanzjarja illi

setghet tpoggi fid-dubbju l-imparzjalita` tal-imhallef sedenti. Oltre dan hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imhallef sedenti G.W. ma kienx sub-ordinat ghal xi hadd mill-partijiet jew ghal imhallef/kollega H.H. u lanqas ma rrizulta illi r-relazzjoni bejn l-imhallef sedenti u H.H. kienet tmur oltre relazzjoni professjonali bejn zewg kollegi li jaqsmu ufficju. Illi minn naha l-ohra pero`, fis-sentenza **Wettstein v. Switzerland** kienet instabet lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq ghaliex l-imhallef sedenti fil-kawza kien hu stess qieghed jidher bhala l-avukat tal-parti opposta fi proceduri separati li kien jinvolvu lill-istess partijiet. Ghalhekk, skont il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dan kien jaghti lok ghal biza' legittima ta' nuqqas ta' imparzjalita` minn naha tal-imhallef sedenti.

13. Minn dan jidher illi huwa car li dak ghandu jsir mill-Qorti sabiex jigi ddeterminat ilment relatat mal-impazjalita` oggettiva ta' gudikant huwa ezami tal-fatti konkreti tal-kaz in dizamina, u mhux determinazzjoni astratta bbazata biss fuq principji teoretici u rimossi mill-fatti tal-kaz, kif tippretendi l-appellanta.

14. Illi din il-Qorti tibda billi tirrileva b'referenza ghall-argument tal-Avukat tal-Istat illi s-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) hija suggetta ghal revizjoni mill-Qorti tal-Appell illi dan m'huwiex fattur relevanti fic-cirkostanzi tal-ligijiet partikolari applikabbli fil-kamp tal-ligi tal-familja. Il-Qorti taghraf illi digrieti moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni

Familja) illi jincidu direttament fuq il-hajja privata u personali tal-partijiet, bhal ma huma digrieti rigward kura u kustodja, access, manteniment u abitazzjoni fid-dar matrimonjali, jikkostitiwixxu titoli esekuttivi meta jinghataw, li jistghu jigu enforzati civilment[1] u sahansitra jesponu li min jonqos milli jobdihom ghal proceduri penali suggetti ghal piena karcerarja.[2] Hafna drabi dawn id-digrieti ma jkunux appellabbli, u l-unika rimedju li jkollha l-parti aggravata huwa li terga' tintavola rikors fuq l-istess materja quddiem l-istess Qorti, li jista' jigi milqugh biss f'kaz li dik il-parti turi bidla fic-cirkostanzi. Illi ghalhekk il-fatt illi s-sentenza finali hija suggetta ghal appell m'huwiex f'dawn ic-cirkostanzi bizzejjed sabiex itaffi jew jirrimedja dubbji rigward l-imparzjalita` tal-Qorti.

15. Illi detto dan, u wara li ghamlet analizi tal-provi u tas-sottomissjonijiet maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet, il-Qorti tqis illi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hija legalment korretta, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi l-ewwel nett, kif korrettement osservat mill-Avukat tal-Istat, l-assistenti gudizzjarji ma jintghazlux mill-gudikant innifsu, izda jigu assenjati lilu wara process ta' ghazla illi mill-atti ma jirrizultax illi b'xi mod jinvolvi lil gudikant. Ghalhekk, il-fatt wahdu illi l-avukat Dr. Abigail Critien hija assenjata bhala Assistent Gudizzjarju mit-tim

[1] Artikolu 37 (4) tal-Kodici Civili.
[2] Artikolu 338 (z) u (ll) tal-Kodici Kriminali .

gudizzjarju tal-Onor. Imhallef Abigail Lofaro ma jista' johloq l-ebda dubbju illi l-Qorti referenti kif preseduta ghandha xi tip ta' preferenza l-Avukat Dr. Abigail Critien;

ii. Illi fit-tieni lok, m'hemm l-ebda relazzjoni finanzjarja bejn l-assistent gudizzjarju u l-imhallef sedenti li jista' jpoggi fid-dubbju l-imparzjalita` tal-Qorti. L-assistent gudizzjarju ma tigix imhallsa mill-Imhallef sedenti u, aktar relevanti minn hekk, l-Imhallef sedenti ma hijiex suggetta ghall-ebda tip ta' dipendenza finanzjarja jew professjonali vis-à-vis l-assistent gudizzjarju, u huwa zgur li l-Imhallef m'hijiex sub-ordinata tal-assistent gudizzjarju;

iii. Inoltre, mill-provi jirrizulta illi bhala assistent gudizzjarju l-Avukat Dr. Abigail Critien ghandha rwol pjuttost limitat, iffokat primarjament fuq il-gbir tal-provi, u l-"access privileggat" allegat mill-appellanti assolutament ma rrizultax. Anzi dan gie kontradett mill-affidavit prezentat mill-Avukat Dr. Abigail Critien fejn spjegat il-funzjonijiet taghha bhala assistent gudizzjarju. Minn dan l-affidavit jirrizulta illi lanqas biss ikun hemm okkazzjonijiet fejn l-Avukat Critien tiltaqa' mal-Onor. Imhallef Dr. Abigail Lofaro peress illi hija tghid u tikkonferma bil-gurament taghha illi "*jekk jinqalghu xi problemi partikolari f'xi kawza, naghmel nota fejn ninforma lill-Onorabbli Imhallef b'dak li jkun qed jigri jew ninfurmaha waqt is-seduta relattiva*

*meta tinstema' tali kawza."* Fi kliem iehor, jirrizulta illi l-komunikazzjoni bejn l-assistent gudizzjarju u l-imhallef sedenti tkun bil-miktub, jew fil-pubbliku ghaliex issehh waqt is-smiegh tal-kawza stess. Il-Qorti tinnota illi l-appellanti m'ghamlet l-ebda kontro-ezami lil Avukat Critien, u ghalhekk, u fin-nuqqas ta' provi ohrajn li jikkontradicu l-kontenut ta' dan l-affidavit, dan in-nuqqas idghajjef tassew it-tezi tal-appellanti;[3]

iv. Illi lanqas ma jirrizulta illi bejn l-Avukat Critien u l-Imhallef sedenti hemm relazzjoni li tmur oltre dik strettament professjonali, u anke din ir-relazzjoni professjonali tidher li hi ferm limitata kkonsidrat illi mill-affidavit imsemmi ma jirrizultax illi l-Avukat Critien, *qua* assistent gudizzjarju*,* hija involuta fl-abbozzar ta' decizjonijiet tal-Qorti. Ghalhekk lanqas ma jirrizulta dak allegat mill-appellanti illi bhala assistent gudizzjarju l-Avukat Critien ghandha "access privileggat" ghal qorti minhabba diskussjonijiet rigward punti legali. Dan ukoll huwa kontra s-sitwazzjoni li ghaliha ssir referenza mill-appellanti fejn familjari tal-gudikant jidhru quddiemu, ghaliex f'dak il-kaz ikun hemm relazzjoni personali bejn l-avukat u l-gudikant, u mhux wahda merament professjonali;

[3] Ara f'dan ir-rigward **Catherine Cali pro et noe vs Stephen Cali,** (Appell Superjuri 02/03/2018): "…n-nuqqas li jsir kontro-ezami…inevitabbilment idghajjef ilkontestazzjoni tal-parti l-ohra ta' dawk l-allegazzjonijiet li setghu gew diretti kontriha mix-xhud, u finalment ukoll it-tezi tal-istess parti."

v. Illi finalment, jirrizulta illi l-Avukat Critien ma hijiex involuta fil-proceduri pendenti bejn il-konjugi Grixti bhala assistent gudizzjarju jew li qed taqdi xi rwol hlief dak ta' avukat patrocinanti ta' Dr. Ivan Grixti.

16. Illi fir-rigward tal-paragun li sar mill-appellanti bejn l-assistenti gudizzjarju u l-guristi (*court attorneys)* il-Qorti tqis illi hemm differenza netta bejn l-appuntament u l-funzjoni ta' dawn iz-zewg karigi illi tiggustifika pjenament il-fatt illi a kuntrarju tal-assistenti gudizzjarji, il-guristi ma jistghux ikomplu l-prattika privata taghhom bhala avukati. L-ewwel nett a kuntrarju tas-sitwazzjoni tal-assistenti gudizzjarji, il-guristi jintghazlu direttament mill-gudikant bhala *appointment of trust* tieghu. Inoltre, l-irwol tal-guristi huwa precizament dak illi jassistu lil Imhallef fl-abbozzar tas-sentenzi u ghalhekk xoghlhom jinvolvi ferm aktar access, fiducja, diskussjoni u kollaborazzjoni mal-imhallef li lilu jkunu jassistu. Apparti minn hekk, a kuntrarju tas-sitwazzjoni tal-assistenti gudizzjarji, il-partijiet ma jkunux jafu jekk gurist ikunx involut fil-kawza taghhom u ghalhekk huwa essenzjali illi l-guristi ma jaghmlux xoghol privat minhabba li hemm ferm anqas kontroll minn naha tal-partijiet fir-rigward tal-involviment tal-guristi fil-kawzi taghhom, filwaqt illi minhabba n-natura tax-xoghol tal-assistenti gudizzjarji l-partijiet jistghu ikollhom certezza dwar jekk assistent gudizzjarju partikolari jkunx involut fil-kawza taghhom. Minn dan kollu jsegwi illi l-karigi ta' assistent gudizzjarju u gurist m'humiex

sufficjentement komparabbli sabiex id-differenza fl-abilita` illi jaghmlu xoghol privat o meno tiggustifika l-pozizzjoni tal-appellanti.

17. Illi ghalhekk, mehud kont ta' dan kollu, l-argument tal-appellanti illi r-rabta bejn l-Onor. Imhallef Dr. Abigail Lofaro u l-avukat Dr. Abigail Critien hija "…*rabta reali, pruvata u ikontestata bejn il-partijiet"* huwa nfondat peress illi xejn minn dan ma jirrizulta mill-provi. Hawhekk il-Qorti tirrileva illi, bhal ma gie gustament konstatat mill-ewwel Qorti m'huwiex kwalunwke dubbju illi jiggustifika r-rikuza tal-imhallef sedenti. Dan id-dubbju jrid ikun wiehed ragjonevoli, u mill-atti ma jirrizultax illi hemm dubbju ragjonevoli fir-rigward tal-imparzjalita` oggettiva tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kif preseduta mill-Onor. Imhallef Abigail Lofaro fil-proceduri li fihom saret din ir-referenza.

18. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet illi m'hemmx lok ghar-rikuza jew astensjoni tal-Onor. Imhallef Dr. Abigail Lofaro fil-proceduri li minnhom twieldet din ir-referenza. Ghaldaqstant is-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata.

**Decide**

19. Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell ta' Carmen Grixti tat-18 ta' Frar 2020 billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata

*in toto,* bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi jithallsu mill-istess Carmen Grixti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm